17/02/2023, 13:58 Il-Karmelu



# Il-Parabbola tal-Ħaddiema fl-Għalqa tad-Dwieli Mt 20:1-16

*minn P. Charlò Camilleri, O.Carm.*

## 1. Fis-Skiet nidħlu fil-Preżenza ta' Alla

*Ejja Spirtu s-Santu,*
*imla l-qlub tal-fidili tiegħek*
*u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.*
*Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, u jinħalqu.*
*U Inti ġġedded il-wiċċ tal-art.*



## 2. Qari mill-Evanġelju Skont San Mattew

[1] "Ara, is-Saltna tas-Smewwiet tixbaħ lil wieħed sid li ħareġ filgħodu kmieni ħafna biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu tad-dwieli. [2] Ftiehem ma' xi ħaddiema b'dinar kuljum u bagħathom l-għalqa. [3] Ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa, ra oħrajn qegħdin fil-pjazza, bla xogħol, [4] u qalilhom, 'Morru intom ukoll l-għalqa, u nagħtikom li jkun ħaqqkom.' U marru. [5] Raġa' ħareġ għal xi s-sitt siegħa u mbagħad għal xi d-disgħa siegħa, u għamel l-istess. [6] Għall-ħabta tal-ħdax-il siegħa raġa' ħareġ u sab oħrajn qiegħda, u qalilhom, "Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?" [7] Qalulu, "Għax ħadd ma qabbadna." Qalilhom,"Morru intom ukoll l-għalqa." [8] Għal filgħaxija mbagħad sid l-għalqa qal lill-prokuratur tiegħu, "Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom, ibda minn dawk li ġew l-aħħar u spiċċa b'dawk tal-ewwel." [9] Ġew dawk li daħlu għax-xogħol fil-ħdax-il siegħa u ħadu dinar kull wieħed. [10] Ġew tal-ewwel, u stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar kull wieħed. [11] Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid [12] u jgħidu, "Dawn tal-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana!" [13] Qabeż is-sid u qal lil wieħed minnhom, "Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehemt miegħi? [14] Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih daqskemm tajt lilek. [15] Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?' [16] Hekk tal-aħħar jiġu l-ewwel, u tal-ewwel jiġu l-aħħar."

## 3. Meditazzjoni

Il-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli nsibuha biss f'San Mattew u nifhmuha aħjar jekk narawha fil-kuntest tat-taqsima li tiftaħ fil-kapitlu dsatax u tagħlaq fil-kapitlu ħamsa u għoxrin. Dan minħabba li f'din it-taqsima nsibu kważi kważi l-istess temi maħdumin issa b'tagħlim ta' Ġesù u ġesti li huwa jagħmel.

Il-kuntest huwa l-mixja ta' Ġesù lejn Ġerusalemm, it-tħabbira apokalittika tal-qerda ta' Ġerusalemm u t-tieni miġja ta' Bin il-Bniedem. Fost it-tagħlim li jagħti Ġesù, u li qisu eku ta' dak li nsibu f'din il-parabbola, insibu t-twissija tal-Imgħallem lid-dixxipli tiegħu biex ma jintrabtux mal-ġid li jgħaddi (19:16-29), u li jbarru minnhom sentimenti ta' ambizzjoni,



https://fliphtml5.com/bookcase/exfz 1/4

pereżempju bħal fil-kilba taż-żagħżugħ għani li jrid jikseb is-saltna. Lil dan li ġej bil-loġika ta' x'se nagħmel biex nikseb, Ġesù jqiegħed il-loġika ta' kif se ningħata waqt li jħeġġeġ għall-qadi fl-umiltà f'xebh miegħu li ġie biex jaqdi u mhux biex ikun moqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra (Mt 20:20-28).

F'Kapitlu wieħed u għoxrin, wara d-daħla fil-belt ta' Ġerusalemm, Ġesù jikkundanna l-ipokresija tal-kbarat (Mt 21:23-27) li f'għajnejh huma agħar mill-Pubblikani u n-nisa tat-triq (Mt 21:28-32). Kemm-il darba Ġesù fl-evanġelju lil dawn iż-żewġ kategoriji jiddeskrivihom f'termini tal-aħħar u tal-ewwel, waqt li jaqleb ta' taħt fuq u ta' fuq taħt, il-kriterji aċċettati fi żmienu. Lil dawk tal-ewwel iħabbrilhom li kienu se jaslu biex joqtluh (Mt 21:33-34), lil dawk tal-aħħar iqegħedhom fuq il-mejda fi ħdan Abraham, jidħlu qabel fis-Saltna, u l-bqija. F'Kapitlu tlieta u għoxrin San Mattew jurina wkoll li tal-ewwel, bl-attitudni tagħhom, kienu ta' ostaklu għall-oħrajn li kieku waslu għall-fidi fih (Mt 23:13-33). F'kapitli erbgħa u għoxrin u ħamsa u għoxrin imbagħad insibu d-diskors 'eskatoloġiku' ta' Ġesù, jew id-diskors tal-aħħar (εσκατον) li fih Ġesù jħabbar l-aħħar jiem ta' Ġerusalemm u l-aħħar taż-żminijiet bit-tieni miġja tiegħu (Mt 25:31-46) fejn isir ġudizzju u kulħadd jieħu li ħaqqu. Minn hawn it-twissija ta' Ġesù li nkunu dejjem lesti nishru (Mt 25:13) bħax-xebbiet għaqlin bil-musbieħ mixgħul għal din is-siegħa, mhux bħall-qaddej ħażin li ma jkunx lest (Mt 24:44-50). Dawn it-temi nsibuhom kollha mlibbsin il-libsa tal-parabbola tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli u tas-sid li kellu qalbu tajba.

Għaldaqstant minn dan il-kuntest ġenerali nistgħu nidħlu iktar fil-fond fil-parabbola. Ta' min insemmu li f'kapitlu dsatax, Pietru jistaqsi dwar xi ħlas hemm għal min iħalli kollox biex jimxi wara Ġesù. Fil-parabbola wkoll insibu din l-attitudni ta' dawk li ġew l-ewwel u li fl-aħħar tal-parabbola jipprotestaw li huma tħallsu daqs dawk li ġew warajhom u spiċċaw qabilhom fil-ħidma fl-għalqa tad-dwieli. Kwiestjoni ewlenija hawnhekk hija l-motivazzjoni li timbuttani fil-mixja wara Ġesù jew inkella bi kliem il-parabbola, fil-ħidma fl-għalqa tad-dwieli tas-Sid: Jiena mas-Sid minħabba l-ħlas jew għas-Sid innifsu? Tematika li nsibuha wkoll żviluppata fil-parabbola tal-Missier għani fil-ħniena u l-ulied, parabbola li fiha l-paradoss tal-iben iż-żgħir fiżikament 'il bogħod mid-dar ta' missieru, imma moħħu u qalbu qrib tiegħu; waqt li l-iben il-kbir fiżikament qrib u ma' djul missieru imma qalbu 'l bogħod minnu għax moħħu fil-ħlas (gidi, festa mal-ħbieb… il-wirt?) li se jirċievi talli hu dejjem ma' djulu, jaħdem l-għalqa.

Is-simbolu tal-għalqa tad-dwieli nsibuh kemm-il darba fil-Kotba Mqaddsa (Salm 80; Iżaija 5; Ġeremija 2; Luqa 20; Ġwanni 15). Fi żmien il-ħsad l-imgħallma u jew is-sidien kienu joħorġu kmieni sabiex isibu ħaddiema għall-ħsad sabiex jilħqu nies biżżejjed għall-ħidma urġenti tal-ħsad qabel ix-xita li therri l-għeneb. Hemm għalhekk aktarx moħbija allużjoni għal ċerta urġenza u ħafna xogħol f'qasir żmien u bi ftit ħaddiema. Din l-urġenza tidher xi ftit jew wisq fis-Sid li joħroġ iktar minn darba jfittex in-nies għax-xogħol mill-pjazza jew suq. L-evanġelista kien ġa tana l-kliem ta' Ġesù: "Il-ħsad kbir, il-ħaddiema ftit; itolbu lil sid il-ħsad jibgħat ħaddiema għall-ħsad." (Mt 9:37-38). Il-parabbola, barra minn hekk, tiftaħ bl-istess mod ta' tliet parabboli oħra marbutin mas-Saltna. Fihom Ġesù jirreferi għas-sid (οίκοδεσπότη) bħala bniedem jew raġel (άνθρώπώ). "Sid tad-dar" (οίκοδεσπότη), bħala nom relattiv juri mnejn hi ġejja l-importanza tar-raġel (άνθρώπώ) tal-parabbola. Waqt li l-eżeġeti jgħidulna li dik hija forma Aramajka tat-taħdit, li madanakollu nsibuha wkoll fil-klassiċi Griegi bħall-Ilijade ta' Omeru, u wkoll fil-Malti u ilsna oħra, hemm min jispekula li jista' jagħti l-każ li Ġesù jrid juri li minkejja li bit-tixbihat qiegħed jgħallem dwar Alla, is-Sid, u s-Saltna tiegħu (id-dar) għandna dejjem inżommu f'rasna li din hija u tibqa' tixbiha. Il-bniedem jibqa' bniedem, Alla jibqa' Alla. Is-Saltna ta' Alla u Alla mhumiex imqabblin mar-raġel tad-dar jew mad-dielja,

jew mal-ħaddiema. Il-punt huwa li l-wasla ta' din is-Saltna se tkun karatterizzata, b'terminu metaforiku, minn dan l-għeluq tal-kontijiet, jew aħjar minn ġudizzju li jingħata mis-Sid. Fl-aħħar tal-parabbola, il-kliem tas-Sid fil-fatt nistgħu nsejħulu wieħed ta' ġudizzju, verdett mhux biss fil-ħlas imma wkoll fit-tweġiba għall-ilment jew protesta.

Insibu l-istess struttura fil-bidu tal-erbgħa parabboli ewlenin:

• Mt 18:23: ἀνθρώπῳ, βασιλεί (raġel, sultan) fit-tixbiha tal-qaddej li ma jaħfirx (18:23-35)

• Mt 20:1: ἀνθρώπῳ, οἰκοδεσπότῃ – "raġel, sid tad-dar" fit-tixbiha tas-sid tad-dielja (20:1-16)

• Mt 21:33: Ἄνθρωπος ἦν, οἰκοδεσπότης – "raġel, sid tad-dar" fit-tixbiha tal-qaddejja ħżiena (21:33-46)

• Mt 22:2: ἀνθρώπῳ, βασιλεί – "raġel, sultan" fit-tixbiha taż-żwieġ ta' bin is-Sultan (22:1-14)



Ma' tal-ewwel siegħa s-Sid jiftiehem b'dinar, ħlas ta' ġurnata għal ħaddiem tal-id (Mt 20; Ġw 12). Fl-Apokalissi nsibu wkoll fil-kisra tat-tielet sigill u l-miġja taż-żiemel l-iswed, li l-qjies tal-qamħ u l-ħafur li jservu għal jum wieħed jiswew dinar. Għoljin ħafna ... esaġeratament għoljin! Dan jista' jfakkarna li "fl-aħħar tal-jum dawk li ġabru ħafna ma' kellhomx iżżejjed u dawk li ġabru ftit ma' ġewx nieqsa" (Eż 16:18) jew fil-Missierna l-espressjoni: "Il-ħobżna ta' kuljum agħtihielna llum", li fuq it-tifsira tagħha nħlew ħafna karti u inka! Lil dawk tat-tielet siegħa, iwegħedhom li se jagħtihom li ħaqqhom, imbagħad it-tixbiha tgħidilna li s-Sid "għamel l-istess" ma' tas-sitt siegħa u tad-disa' siegħa.

Dettall interessanti, fil-fehma tiegħi importanti u mhux ta' min inħalluh għaddej, huwa li l-parabbola ma tgħidilniex li ma tal-ħdax-il siegħa is-Sid ftiehem bi ħlas. Is-sekwenza tinkiser. Lanqas tgħidilna "għamel l-istess". Dan is-sid jistaqsihom l-għala qegħdin hemm ma jagħmlu xejn, jinħlew fl-għażż. Huma jwieġbu li ħadd ma qabbadhom jew inkella aħjar, "ħadd ma kriena" (ἐμισθώσατο). Dawn huma tal-aħħar mhux biss għax is-sid kriehom u ħaddimhom fl-aħħar siegħa, imma wkoll għax baqgħu l-art, u baqgħu qiegħda! Għalkemm nistgħu nirraġunaw li mad-deċiżjoni li jtihom xogħol hemm impliċitu l-ħlas, it-test ma jgħidilna xejn u ma jindikax dan, iktar u iktar għax is-sekwenza "ftiehem magħhom" u "jagħtihom li ħaqqhom" u "għamel l-istess" tinkiser, mhijiex fil-vers seba'. Huwa jordnalhom imorru jaħdmu u minkejja li ma jiftehmux dwar ħlas dawn imorru xorta. Qabel inżul ix-xemx, skont il-preskrizzjoni tad-Dewteronomju (24:15) u l-Levitiku (19:13) is-Sid isejjaħ lill-ħaddiema. Imma flok jibda minn tal-ewwel siegħa u jinżel skont l-ordni tal-preċedenza jibda' minn tal-aħħar siegħa, dawk li ma ftihemx magħhom bi ħlas u li xorta kienu lesti li jmorru jaħdmu fid-dielja. Fil-fehma tiegħi, d-dettall tan-nuqqas ta' ftehim tal-ħlas tagħmel iktar qawwi u sovverżiv l-għeluq ta' din il-parabbola.

Tal-ewwel jistennew iktar b'ambizzjoni minkejja li l-paga li ħadu kienet dik ġusta – Ħabib, f'xejn ma nqastek jiena - ta' jum xogħol u dik li għaliha ftehmu mas-Sid – Mhux b'dinar ftehimt miegħek? Ħu li jmissek u itlaq – . Waqt li s-Sid huwa l-persuna li miegħu ddur it-tixbiha u turi l-ġenerożità tiegħu, hija turi wkoll il-loġika li biha jaħdem Alla: "tal-ewwel jiġu l-aħħar

u tal-aħħar l-ewwel". Din l-espressjoni bil-varjazzjoni tagħha, "tal-aħħar jiġu l-ewwel u tal-ewwel l-aħħar" hija repetuta darbtejn eżatt qabel tibda l-parabbola (Mt 19:30) u fi tmiemha (Mt 20:16).

Li nixtieq nislet għalina u għall-kuntest tagħna huwa dan is-sens ta' urġenza u sovverżjoni fil-ħruġ fil-pjazza u l-għażla tal-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli. Kemm inħossuh bħala knisja dan is-sens ta' urġenza? Fejn qed jimbuttana s-Sid biex inkunu profetikament sovverżivi fis-soċjetà tagħna. Lejn min hi indirizzata l-alleanza tagħna:

• Lejna nfusna bħal Pietru li jistaqsi dwar x'se nieħdu; bħaż-żagħżugħ għani li jrid jikseb is-Saltna; bħall-Iben il-kbir li jitkarrab għall-gidi; bħall-ħaddiema tal-jum li marru għal dinar u iktar?

• Jew l-alleanza tagħna hija lejn is-Sid għalih innifsu u għas-Saltna tiegħu għaliha nnifisha bħalma jgħid il-Missier lil ibnu: "ibni inti dejjem miegħi"; u bħall-ħaddiema tal-aħħar siegħa li marru jaħdmu bla interess għall-ħlas?

• X'għażliet kuraġġużi qed jimbuttana nagħmlu Ġesù li bihom iridna nkunu kontrokurrent bla ma noqogħdu nqisu xi qligħ u x'estimi se jagħtu skont il-loġika tad-dinja, imma nħallu f'idejh għall-*buon esito* ta' dak li nkunu middejna għalih minħabba fih u s-Saltna tiegħu?

### 4. Talb fil-kwiet

*Missierna li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,ikun li trid int, kif fis-sema hekkda fl-art. Ħobżna ta' kuljum agħtina llum, aħfrilna dnubietna bħalma naħfru lil min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni. Ammen.*

POEŻIJA

## Għanja ta' Ragħaj

Orqod, orqod, Maħbub qalbi,
fil-benniena tal-ħuxlief,
il-ħuxlief ġibuh l-għasafar,
jiena rajthom ġejjin bih.

Jiena rajthom fuq il-grotta
lejn is-sema jħarsu fiss,
flimkien jgħannu jiena smajthom:
Inżel Alla, inżel fis.

Orqod, orqod, Maħbub qalbi,
xejn la taħseb f'dak li ġej;
biex issejjaħ in-nagħas fuqek
ma' taż-żaqq jiġi l-għannej:

jiġi jkanta jdejh ma' ħalqu
biex 'il leħnu jsemma' sew;
jiġi u jgħidlek: Int ir-ragħajja,
ġejt Int tfittex, ja Mulej.

Orqod, orqod, Maħbub qalbi,
fil-benniena tal-ħuxlief;
il-ħuxlief ġibuh l-għasafar,
għad li jvenven kien ir-riħ.

Bil-għasluġ u l-merħla magħkom
ejjew, ragħajja bil-mijiet;
Dak li minnu maħluq kollox
fqir jitwieled Huwa ried.

Glorja 'l Alla fl-ogħla sema
u ferħ lilkom, midinbin;
oh, xi kbira xorti kellna,
Alla sieħeb il-bnedmin.

*P. Anastasju Cuschieri, O.Carm.*

